**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 522/2024/1 MS fl-ismijiet:*

**Tyke Holding Limited**

**Vs.**

1. **Absolute Holding Limited**
2. **EM@NEY P.L.C**

1. Dan huwa dikriet dwar talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tal-25 ta' Marzu 2024 sabiex din il-qorti żżomm lill-intimati milli «*jipproċedu bi u jżommu ż-żewġ laqgħat ġenerali straordinarja tal-intimata EM@NEY P.L.C. msejjħa għal nhar id-29 ta' Marzu 2024 u/jew milli jgħaddu u japprovaw ir-riżoluzzjonijiet kollha proposti mill-intimata Absolute Holding Limited sabiex jittieħed vot dwarhom fl-istess laqgħat ġenerali straordinarja*».

2. Il-qorti laqgħet din it-talba provviżorjament b'dikriet tal-25 ta' Marzu, 2024, u ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati li ngħataw żmien sabiex iwieġbu.

3. L-intimata Em@ney plc wieġbet fl-1 t'April 2024 billi tat ir-raġunijiet għaliex hija kienet qed taqbel mat-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat. L-intimata Absolute Holding Limited wieġbet fil-15 t'April 2024, u kkontestat it-talba tar-rikorrenti.

4. Inżammet udjenza fit-18 t'April 2024 li fiha d-difensuri tal-kontendenti trattaw ir-rikors.

5. L-artikolu 873(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li: «*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat*», filwaqt li l-artikolu 873(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li, «*Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet*».

6. Illi l-ġurisprudenza dejjem żammet li sabiex ikun jista' jingħad li r-rikorrent fi proċedura bħal din għandu jedd li jeħtieġ ħarsien, dak il-jedd irid ikun tali li jista' jiġi dedott permezz ta' kawża fil-qrati. Fid-deċiżjoni ***Nutar Dottor Giuseppe Sammut noe vs. Frank Scicluna et*** (2/6/1969), il-Qorti tal-Appell qieset li: «*Għad-differenza ta' mandati kawtelatorji oħrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-liġi teżiġi żewġ kondizzjonijiet cioè li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu neċessarju għall-konservazzjoni tad-dritt li in kawtela tiegħu l-mandat jintalab u li prima facie dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-liġi teżiġi li min joħrog il-mandat hu obbligat li fiż-żmien qasir preskritt jiddeduċi b'kawza l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jingħad, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess ħin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaċi li tiġi dedotta in ġudizzju quddiem il-Qorti*». Fehma li ġiet imtennija fi żmenijiet aktar riċenti (viz. ***Jonathan Grech vs. L-Awtorità Marittima ta' Malta***, Prim'Awla, 28/7/2009; ***Brendaline Busuttil noe vs. Maria Rosaria sive Rose Grima***, Prim'Awla, 26/6/2007).

7. Waqt is-sottomissjonijiet orali li saru fl-udjenza li nżammet fit-18 t'April, 2024, ir-rikorrenti kkonfermat li d-dritt tagħha huwa dak maħsub fl-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji.

8. L-intimata Absolute Holding Limited, fir-risposta tagħha, kienet diġà pprevediet li dan kien id-dritt li kien qed jiġi vantat mir-rikorrenti, u laqgħet għal dik il-pożizzjoni billi eċċepiet in-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' din il-qorti.

9. Din il-qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni tal-intimata Absolute Holding Limited hija tajba u jixirqilha tintlaqa'.

10. Illi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili[1], il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija waħda residwa, fis-sens illi tikkomprendi dawk il-materji kollha li ma jkunux ġew espressament assenjati lil xi sezzjoni oħra tal-Qorti Ċivili. Issa skont l-artikolu 5A tal-Ordni preċitat:

> Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mit-Tielet Taqsima tal-Kodiċi tal-Kummerċ u kull regolament magħmul taħtu, mill-Att dwar il-Kumpaniji, mill-Att ta' Qabel l-Insolvenza, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, u l-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi

11. M'hemmx dubju li talba taħt l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji jaqa' għalhekk taħt il-kompetenza speċifika tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

12. Waqt it-trattazzjoni, d-difensur tar-rikorrenti sostna li minkejja li l-azzjoni fil-meritu se tkun taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), il-kompetenza għall-ħruġ tal-atti kawtelatorji tibqa' vestita f'din il-qorti. Din il-qorti però ma taqbilx. Fid-deċiżjoni ***Victor Vella et vs. Brian Micallef et*** (26/6/2015), il-Qorti tal-Appell

[1] Avviż Legali 396/2003, kif sussegwentement emendat (LS12.19).

qieset applikabbli r-regoli tal-kompetenza *rationae materiae* anki fil-kuntest ta' atti kawtelatorji. F'din id-deċiżjoni, li kienet tirrigwarda l-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera dwar il-ħruġ t'atti kawtelatorji, ġie deċiż li dak il-Bord għandu s-setgħat neċessarji sabiex jakkorda atti kawtelatorji. Dan jgħodd aktar u aktar għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), li għaliha jgħoddu direttament u bl-istess mod kif jgħoddu għal din il-qorti d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

13. Wara kollox, la darba l-kawża li permezz tagħha se jkun dedott il-jedd li r-rikorrenti jrid jikkawtela se ssir quddiem qorti partikolari, huwa aktar importanti li l-att kawtelatorju jinħareġ ukoll minn dik l-istess qorti. Dan minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u ċjoè li fejn il-kawża dwar il-jedd kawtelat mill-mandat tkun saret, it-talba għat-tħassir tal-mandat trid issir lill-qorti li tkun qed titratta dik il-kawża. Naturalment, dan ma jkunx possibbli li jsir jekk il-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju u l-qorti li tkun qed titratta l-kawża jkunu differenti.

14. La darba l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza se tintlaqa', l-qorti għandha tieqaf hawn u hija prekluża milli tidħol fi kwalsiasi aspett ieħor tal-kwistjoni ventilata bejn il-kontendenti. Tqum però l-kwistjoni jekk japplikax għal din il-proċedura dak li jipprovdi l-artikolu 741(b) tal-Kodiċi preċitat dwar it-trasferiment tal-kawżi.

15. Din il-qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-każ, u qed tasal għall-konklużjoni li l-*provisos* tal-artikolu 741(b) tal-Kodiċi msemmi ma japplikawx għal proċeduri ta' mandat t'inibizzjoni, bħal ma huma dawk odjerni. Il-qorti qed tasal għal din il-konklużjoni abbażi tal-konsiderazzjoni li s-setgħa li jiġi ordnat it-trasferiment hemmhekk imsemmi jgħodd u japplika biss għal kawżi fis-sens proprju tal-kelma, u ċjoè kawżi li, fil-Qrati Superjuri, solitament jinbdew bil-mezz tar-rikors ġuramentat. Bla ebda dubju, il-*provisos* imsemmija fihom termini u żminijiet li jrendu l-proċedura tat-trasferiment tal-kawża maħsuba hemmhekk inkompatibbli maż-żminijiet imposti mill-artikolu 875(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

16. Il-liġi speċjali li tirregola s-smigħ u d-deċiżjoni ta' mandat bħal dak odjern timponi fuq il-qorti b'mod tassattiv id-dmir inderogabbli li tiddeċiedi dwar il-kwistjoni fl-aqsar

żmien possibbli, li fl-ebda każ m'għandu jkun t'aktar minn xahar min-notifika tal-mandat lill-partijiet. Din il-liġi speċjali tapplika b'deroga għal kull liġi oħra ta' karattru ġenerali, bħal ma huwa l-artikolu 741(b), u għalhekk isegwi li dan l-aħħar artikolu ma jista' qatt iwassal biex il-qorti ma tosservax id-dmir tagħha taħt l-artikolu 875(3).

17. Naturalment, l-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ġġib il-liberazzjoni *ab observantia* tal-intimati, u kif inhu magħruf, liberatorja mill-osservanza tal-ġudizzju ma jikkostitwiex ġudikat.

18. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tħassar u tirrevoka d-dikriet tagħha tal-25 ta' Marzu 2024 li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament, u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimata Absolute Holding Limited dwar nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae*, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti u teħles lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ikunu a karigu tar-rikorrenti.

Mogħti kameralment fit-23 t'April, 2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur